**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, tnax (12) ta' Marzu 2024

Kawża Nru 142/2024

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Clifton Mifsud**

*Re: Eċċezzjoni ta' Preskrizzjoni (Artikolu 41(2) tal-Kap. 10)*

Il-Qorti,

Rat l-akkuża miġjuba kontra **Clifton Mifsud** iben Roque u Nathalie nee Gauci, imwieled nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru 1975 u residenti "Ġnejna Court", Flat 1, Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex fejn huwa ġie akkużat talli nhar l-erbatax (14) ta' Settembru 2023 għall-ħabta ta' bejn is-13.30hrs u 14.30hrs fil-fond bl-isem "Ġnejna Court", Triq l-Ewropa, Rabat, Għawdex ħaddem jew ġiegħel jew ippermetta li jitħaddem *loud speaker* jew *gramafon* jew amplifikatur jew apparat ieħor simili, jew ġiegħel jew

ippermetta li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li dejqu lill-ġirien (David Kitcher) li joqgħod f'bini fil-qrib.

Rat li fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2023, il-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fl-akkuża fis-sens li s-sena "2022" indikata fl-akkuża oriġinali kellha taqra "2023";

Rat li l-Qorti laqgħet it-talba għal tali korrezzjoni u l-akkużat ta ruħu notifikat seduta stante bl-akkuża kif korretta;

Rat li d-difiża eċċepiet li l-akkuża hija preskritta bid-dekors ta' tlett (3) xhur;

Ikkunsidrat;

Ir-reat li qed jiġi addebitat lill-akkużat huwa dak kontemplat fl-artikolu 41(2)(a)(b) tal-Kap. 10 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jistabilixxi li:

> *"Ħadd ma jista' - (a) fi triq, f'ħanut, jew f'post pubbliku ieħor; jew (b) f'kull bini ieħor, billi jħaddem jew iġiegħel jew iħalli lil min iħaddem loud speaker, gramofon, amplifikatur jew strument bħal dawn, jagħmel inkella jġiegħel jew iħalli li jsiru ħsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li jkunu joqogħdu f'bini fil-qrib."*

Minn eżami tal-Kap. 10, preċiżament tal-artikolu 318 tal-istess Kap. 10 huwa ċar li r-reati stabbiliti fl-istess Kap. 10 huma kontravvenzjonali. Infatti l-artikolu 318 jagħmilha ċara li:

> *"Kull min jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi, jew ta' ordni jew regolament mogħti jew magħmul mill-awtorità kompetenti, jew minn uffiċjal pubbliku ieħor, bis-saħħa ta' dan il-Kodiċi, sew billi jagħmel dak li hu pprojbit li jagħmel, kemm billi jonqos li jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel,*

*jew billi ma jħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li jkun ordnat li jagħmel jew li jista' jagħmel jew billi jħassar jew iġib fix-xejn dak li ħaddieħor ikun għamel, taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi jew ordni jew regolament, jew b'xi mod ieħor, **<u>isir ħati ta' kontravvenzjoni</u>**"*

Dan il-fatt jerġa jiġi affermat fl-artikolu 319 tal-Kap. 10 fejn il-leġislatur jerġa jidentifika r-reati kontemplati fil-Kodiċi tal-Pulizija bħala reati kontravvenzjonali:

*"Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 19 u 543 tal-Kodiċi Kriminali, tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli li jaħbtu sew sew wara dan u ta' kull dispożizzjoni oħra speċjali ta' dan il-Kodiċi, kull qorti ta' ġudikatura kriminali, **<u>għal kull kontravvenzjoni msemmija fl-aħħar artikolu</u>** qabel dan, tista' tagħti kull waħda mill-pieni stabbiliti fil-Kodiċi Kriminali għall-kontravvenzjonijiet, sew separatament kemm flimkien, jew, jekk fil-fehma tal-qorti r-reat ikun jistħoqq piena akbar, tista' tagħti l-piena tal-multa jew tal-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar."* (Enfażi tal-Qorti)

La darba r-reati huma kontravvenzjonali, dawn jiġu preskritti bit-trapass ta' tlett (3) xhur mid-data tal-allegat reat. Dan a tenur tal-artikolu 688(f) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan irrispettivament mill-piena li l-Qorti tista' tagħti għal dak ir-reat kontravvenzjonali fit-termini tal-artikolu 319 tal-Kap. 10. La darba fin-natura tiegħu r-reat huwa klassifikat bħala kontravvenzjoni u mhux klassifikat bħala delitt, il-piena li tista' tiġi imposta ma tbiddilx in-natura tar-reat u ma tagħmlux delitt.

Huwa minnu li fit-termini tal-artikolu 319 tal-Kap. 10, il-Qorti tista' f'ċertu ċirkostanzi tagħti terminu ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar. Dan pero ma jfissirx li huwa applikabbli t-terminu ta' sentejn kontemplat fl-artikolu 688(e) tal-Kap. 9. Dan għaliex dan l-istess 688(e)

huwa applikabbli għal reati li huma klassifikati bħala **delitti.** La darba kif ingħad ir-reat odjern huwa kontravvenzjoni, awtomatikament l-artikolu 688(e) ma japplikax fil-każ in diżamina.

Fil-każ in eżami l-allegat reat seħħ fl-erbatax (14) ta' Settembru 2023. L-akkużat kien ġie oriġinarjament notifikat b'akkuża li tgħid li l-allegat reat seħħ fl-erbatax (14) ta' Settembru 2022. Fis-seduta tat-tmienja (8) ta' Marzu 2024, l-Prosekuzzjoni talbet korrezzjoni fis-sens li l-allegat reat seħħ fis-sena 2023 u mhux fl-2022 kif indikat fl-akkuża oriġinali. Din il-Qorti laqgħet it-talba għall-korrezzjoni u l-akkużat ta ruħu b'notifikat bl-akkużi dak il-ħin stess. Dan ifisser għalhekk li l-akkużat ġie notifikat bl-akkuża propja fit-tmienja (8) ta' Marzu 2024. Dakinhar ġia kien għadda t-terminu preskrittiv. Dan ifisser għalhekk li l-azzjoni kriminali hija illum perenta.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq magħmula u wara li rat l-artikoli 41(2)(a)(b), 318 u 319 tal-Kap. 10 u l-artikolu 688(f) tal-Kap. 9, il-Qorti qegħda tiddikjara l-azzjoni kriminali bħala preskritta u konsegwentement qiegħda tiddikjara l-proċediment odjern bħala estint.

**Dr. Jean Paul Grech**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**